għajjatt lil tal-karrozza, "Isbirli nasal sa dak il-bieb, nagħti tislija!" u bla ma stennejt tweġiba, tlaqt ġirja lejn bieb Ġenja li kien miftuħ.

"Ġen!" ħabbartha bil-għaġla, "sejjer Għawdex kif kien għenelli, imma ntbaħt b'saram kif kont fi-triq. Insejt nieħu l-arloġġ, u ġejt mingħajru. Kieku jaħasra tislifni ġimgħa tiegħek!"

"Ħudu!" qaltli kif ħallitu minn idha. "F'ħajjietek" għidtilha jiena. "Ma nistax indum inkellmek. Hemm ara l-karozza tistenna. Wara ġimgħa narak. B'ħatrek (9), Ġenja!" għidtilha kif ħadtilha b'idha.

"Mur bis-sliema!" qaltli mbissma, u jien tlaqt niġri lejn il-karozza, li kif irkibt fiha, mxiet. Xejjirt b'idi lil Ġenja li baqgħet fil-bieb tħares lejja sa għebt.

* * *

Għawdex ma qgħadtx il-ġimgħa kollha għax hemmhekk ħbieb ma kellix, u waħdi waħdi ħassejtni għamilt f'qalbi. Fil-għodu kont ngħaddi biċċa ħin sewwa f'xi knisja, u biċċa f'dak il-ġnien ir-Rabat, li jgħidulu l-Mall; fil-għaxija kont aktarx ninżel sa Marsalforn, ngħum xi għuma.

Wara ħamest ijiem, mela, irġajt lejn Malta, u qtajt li, bdiel ma ntemm triqti lejn il-Belt, ninżel il-Mosta inrodd l-arloġġ lil Ġenja, u nkellimha ftit.

Kont għadni fil-karrozza, u stagħġibt nara l-bieb u t-twieqi tagħhom magħluqa. Inżilt u ħabbatt il-bieb.

"M'hemmx nies!" qaltli waħda ġara.

"Fejnhom tgħid?" saqsejtha jiena.

"Ix-xebba mietet, u s-sur Viċens telaq l-isfel. Aktarx mar għand ħuh, l-Isla".

"Kif mietet?!" saqsejt mibluh jiena; "nhar it-Tnejn filgħodu ma kellha xejn; kont hawn jien u rajtha b'għajnejja!"

"U dak in-nhar fil-għaxija ħaslet rasha bl-ilma kiesaħ u ħadet ċmajra. L-għada kienet ġot-tebut, u l-Erbgħa fil-għodu difnuha!"

* * *

X'għamilt minn dak in-nhar 'l hawn ma noqgħodx ingħidu. Biss ngħid li dan li Ġenja mietet, ma tistax tidħolli f'rasi. Fejn nara xebbiet bil-għonnella, immur inħares lejhom,

(9) Addiju.



nara Ġenja hix waħda minnhom. U l-arloġġ tagħha għadu fuq għekset idi, u hemm jibqa', sa kemm jew hi targa' fiddinja, jew jien immur il-qabar bħalha.

* * *

Din hi mela l-ġrajja tal-arloġġ iż-żgħir ta' f'idi. U ktibtha hawnhekka biex dawk il-ħbieb li jarawhuli ma joqogħdux iġedduli s-sogħba, u jsaqsuni din x'biċċa hija.

L. Cutajar

## It-Triq tal-Ħelsien

Imxi ma' tul il-ħajja taħt it-toqol
Tas-salib.
Qatt taqta' qalbek meta d-dmugħ tan-niket
Tilmaħ qrib.
Ibki b'ruħek muġugħa,
Fil-biki hemm is-serħ,
Għax xħin kull għomma tgħaddi
Jixgħel id-dawl ta' ferħ,
Tixxettel fik il-ħeġġa, u t-tislima
Ta' ħajr u mħabba tbusek bl-ogħna qima.

Jekk qatt tiltaqa' tul il-medda twila
Ma' l-għawġ, nissiel tal-hemm,
Jekk qatt toħlom sigħat ta' riżq, u flokhom
Issib mibegħda u semm,
Tibżax, ħabib; rabbi l-egħruq tas-saħħa,
Orbot qalbek mat-tama, ħa sserraħha:
Fis-sema jiddu l-kwiekeb fil-għaxija,
Fid-dlam ta' ħajtek tixgħel triq bid-dija,
It-triq tal-ħelsien
Miksuba maż-żmien
Bil-għeja u t-taħbit
Bin-niket imqit;
Dwal fiha ferrieħa, kull lewn u sabiħa;
Tal-ħsara bla dliel,
Mogħnija b'kull ġmiel.

Imxi, ħabib, f'dal-baħar tal-ħolqien,
Tul it-triq tal-ħelsien.

6/11/39 Ġużè Chetcuti